

# L-GĦEJUN PUBBLIĊI

## f'Ta' Kerċem u Santa Luċija

kitba ta' **Michael Grima** B.A. (Hons.)., Dip (A.Sc.)

*"Niftakar għajn fil-misraħ*
*li minnha l-ilma ġieri*
*jinżel fil-ħawt jiċċaqlaq*

*...Għalquha l-għajn fil-misraħ*
*u ma' l-ilma li nixef f'qalbha*
*nixfet nixxiegħa f'qalbi"*

mill-poeżija ***"L-Għajn fil-Misraħ"*** ta' Joe Friggieri

L-ilma huwa risorsa mportanti ħafna għall-bniedem. Fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja u kull fejn mar igħix, il-bniedem fittex jew li jsib l-ilma jew li jara kif jitwassallu l-ilma. Qabel ma ddaħħlu s-servizzi tal-ilma fid-djar fir-raħal tagħna, ħafna kienu dawk li kienu jagħmlu użu mill-ilma li kien ikun provdut mill-għejun pubblici mqiegħda f'diversi bnadi tat-toroq tagħna.



L-għejun kienu jinsabu mhux biss fit-toroq ewlenin tar-raħal imma anke fil-kampanja. F'Santa Luċija wieħed kien jiltaqa' ma' għajn fi Triq Qasam San Ġorġ, kantuniera mat-triq ta' San Niklaw, ħdejn in-niċċa tal-Madonna. Għajn oħra li kienet f'forma ta' pompa kienet tinsab qrib sew tad-dar fejn kien jgħix Dun Ġużepp Gatt magħruf bħala "Dun Ġużepp tal-Qasam". Min din l-għajn wieħed kien idum biex jimla l-ilma għax kont trid toqqħod tħaddem il-pompa ta' sikwit biex takkwista l-ilma li tixtieq. Iktar 'l fuq fl-istess rħajjel, kien hemm għajn oħra fi triq Santa Luċija, qabel tilħaq l-istess pjazza u preċizament maġenb il-bini li kien jintuża bħala post tal-votazzjoni fi żmien l-elezzjonijiet ġenerali. L-għajn l-oħra fit-tarf ta' Santa Luċija kienet dik li kienet teżisti fi triq Anton Calleja, ħdejn in-niċċa tal-Madonna tal-Patri, faċċata tal-isqaq fejn toqgħod il-familja Vella.

Fin-naħa t'isfel ta' Ta' Kerċem imbagħad kienu jeżistu sitt għejun. Waħda minn dawn kienet dik ta' ħdejn il-kunvent tas-sorijiet Karmelitani. Kellna għajn oħra fi Triq Sarġ, in-naħa u ħdejn id-dar fejn illum tgħix il-familja Stellini. Iktar 'l isfel hekk kif tħalli l-iskola Primarja, quddiem id-dar tal-familja Formosa kien hemm imwaħħla għajn oħra. L-għajn ta' Triq San Girgor, quddiem l-għassa tal-pulizija l-qadima kienet f'forma ta' funtana, waqt li dik ta' Triq Xuxa kienet tinstab maġenb id-dar li fiha llum toqgħod il-familja Calleja. L-għajn l-oħra li kien hemm fir-raħal tagħna kienet dik misjuba fit-tarf ta' Triq Kerċem (il-Bajjada) ħdejn id-dar tal-familja Portelli.

L-ilma li kien jasal f'kull waħda minn dawn l-għejun kien ikun ilma ġieri u frisk. F'uħud mill-għejun l-ilma kien ikun ġej minn kanen taħt l-art, imqiegħda apposta mill-awtoritajiet. Iżda għejun oħra kienu jirċievu l-ilma li kien jittella' minn saff ta' blat taħt l-art saturat bl-ilma, permezz ta' pompa.

Dawn l-għejun kienu twaħħlu għall-użu differenti tal-pubbliku. Ir-raġuni prinċipali għat-tqegħid ta' dawn l-għejun f'inħawi differenti kienet li ġo djarna ma kienx hemm ħlief bjar jew spieri, jiġifieri ħofriet fil-ġebla mħaffra fit-tond u fil-fond u jkunu dojoq li kienu jintużaw għall-ħażna tal-ilma. L-ilma ta' ġol-bjar jew fl-ispieri

ma kienx tajjeb biex tixorbu jew issajjar bih għax fuq il-bjut mnejn kien jiġi l-ilma ħafna drabi kienu jrabbu fihom fniek, tiġieġ u tjur oħra. Fil-wisgħat tal-istess bjut kien ikun hemm ukoll barumbari bil-ħamiem u għaldaqstant il-ħmieġ tagħhom seta' faċilment iħammeġ l-ilma ta' ġol-bjar.

Kull filgħodu wara li jkunu semgħu l-ewwel quddies, in-nisa tad-dar tar-raħal tagħna kienu jħabirku jimlew l-ilma fil-bramel, bwieqi jew buqari tagħhom għall-użu tat-tisjir, ħasil jew inkella għax-xorb. Kien hemm uħud li flok bramel kienu jużaw laned fondi, ukoll daqs barmil normali taż-żingu, li kienu jakkwistaw mingħand tal-ħanut tal-merċa u jagħmlulhom għalaq jew maqbad tal-injam jew tal-*wire* biex iġorruhom minnhom. Mhux l-ewwel darba li n-nisa kienu jdumu qatiegħ biex jimlew l-ilma għax is-serbut ta' nisa f'ringiela wara xulxin ilkoll jistennew biex jimlew l-ilma kien ikun aktarx twil. Fil-frattemp iżda dawn kienu jsibu kif jgħidu li jiġi f'ħalqhom fuq ħaddieħor jew igemgmu fuq kemm faċendi jew qadjiet se jkollhom jagħmlu la jaslu lura f'darhom. Kultant waqt li n-nisa kienu jkunu jimlew l-ilma, kienu jilmħu xi tifel imqarqaċ, moħħ ir-riħ. Dan kien joqgħod jiżżagħbel u jagħmilha tal-ħelu billi jgħajjeb u jimmutettja fuq l-għajn waqt li n-nisa jżiegħlu bih. Ma kenitx tkun f'okkażjoni waħda li konna naraw tfal oħra mqarba jimlew l-ilma li jaqa' fil-ħwat tal-għejun, f'bottijiet żgħar tal-landa u bih joqogħdu jissuttaw u jxarrbu lil xulxin.

Iż-żiemel jew il-bagħal b'nifsu maqtugħ u jilheġ jiġbed warajh karrettun mgħobbi sa ruħ ommu bi bruġ ta' mniezel kien ta' sikwit jitwaqqaf mill-bidwi biex il-bhima tkun tista' xxarrab griżmejha, qabel tkompli triqitha lura lejn ir-razzett. Min-naħa l-oħra, r-raħħala tal-mogħoż u n-ngħaġ kienu ukoll jieqfu jistrieħu għal ftit tal-ħin waqt li l-merħliet tagħhom jitrejqu bl-ilma li kien jaqa' fil-ħwat taħt il-viti ta' dawn l-għejun. Ġieli konna naraw l-istess rgħajja b'xi bramel taż-żingu mdendla ma' ġnubhom biex waqt li jkunu għaddejja lura lejn darhom ikunu jistgħu jimlewhom bl-ilma. Fiż-żminijiet l-imgħoddija l-mixi tal-bdiewa lejn l-għelieqi tagħhom kien ikun twil u ta' spiss, għax it-trasport mekkaniku ma kienx għadu daħal sewwa fir-raħal. Għalhekk kienu jkunu ħafna dawk



li kienu jieqfu jixorbu minn xi għajn minn dawn speċjalment fil-ġranet sħan tas-sajf.

Il-mili tal-ilma mill-għejun għal xi uħud kien ta' tbatija kbira. Dan għax jekk il-ksieħ u l-bard fix-xitwa, jew s-sħana qalila tas-sajf, wieħed kellu bil-fors jieħu minn dan l-ilma biex jużah sakemm bl-introduzzjoni tas-servizzi tal-ilma fid-djar dawn l-għejun pubbliċi bdew jinqatgħu u saħansitra spiċċaw għal kollox mir-raħal tagħna.

Barra li dawn l-għejun kienu jservu ta' lok fejn in-nies kienet tiltaqa' biex tikkummenta fuq dak u dik u fuq xi ġrajja sakemm imisshom biex jimlew l-ilma, kienu ukoll xhieda li missirijietna, huma u jfittxu li jkollhom dan it-teżor tan-natura, għarfu li bil-ħoss tal-ilma li kien inixxi mill-vit tagħhom, kienu qed jagħtu dehra isbaħ lir-raħal u l-kampanja tagħna.

